

Brussell, 25 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11950/25

STAT 33
FIN 921

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 423 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL skont l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 423 final.

Mehmuż: COM(2025) 423 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.7.2025
COM(2025) 423 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

skont l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

skont l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali

BAŻI LEGALI

L-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal, kif emendati l-aħħar fl-2013¹, jipprevedi li l-età tal-pensjoni għandha tiġi vvalutata kull 5 snin mill-1 ta' Jannar 2014 abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jeżamina, b'mod partikolari, l-evoluzzjoni tal-età tal-pensjoni għall-persunal fis-servizzi pubbliċi tal-Istati Membri u l-evoluzzjoni tal-istennija tal-għomor tal-uffiċjali tal-istituzzjonijiet.

Il-koleġislaturi ddeċidew ukoll li fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta li temenda l-età tal-pensjoni f'konformità mal-konklużjonijiet ta' dak ir-rapport, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari għall-iżviluppi fl-Istati Membri.

Dan ir-rapport jimplimenta d-dispożizzjoni msemmija qabel billi jeżamina l-evoluzzjoni tal-età tal-pensjoni għall-persunal fis-servizzi pubbliċi tal-Istati Membri u l-evoluzzjoni tal-istennija tal-għomor tal-uffiċjali tal-istituzzjonijiet bejn l-2019 u l-2023.

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAR-RAPPORT

Skont l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-evoluzzjoni tal-età tal-pensjoni għall-persunal fis-servizzi pubbliċi tal-Istati Membri u l-evoluzzjoni tal-istennija tal-għomor tal-uffiċjali tal-istituzzjonijiet għandhom jiġu vvalutati kull 5 snin, biex b'hekk jiġi pprovdut perjodu ta' referenza ta' 5 snin bejn l-1 ta' Jannar 2019 u l-31 ta' Diċembru 2023 għal dan ir-rapport².

Il-koleġislaturi pprovdew ambitu materjali li jinkludi kemm l-evoluzzjoni tal-età tal-pensjoni għall-persunal fis-servizzi pubbliċi tal-Istati Membri kif ukoll l-evoluzzjoni tal-istennija tal-għomor tal-uffiċjali tal-istituzzjonijiet. Barra minn hekk, huma speċifikaw li fil-valutazzjoni tal-possibbiltà li tiġi emendata l-età tal-pensjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari għall-iżviluppi fl-Istati Membri.

2. INFORMAZZJONI ĠENERALI

2.1. Ġbir ta' data

L-Eurostat talab lil esperti mill-Istati Membri sabiex jipprovdu data fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal kull sena (Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 83)³. Dan tal-aħħar huwa kompetenti biex jittratta kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013.

² Normalment intużat data mill-2019. Madankollu, meta din ma kinitx disponibbli, intużat data mill-2018.

³ Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 83 huwa grupp ta' esperti li jinkludi l-uffiċċji tal-istatistika tal-gvernijiet tal-Istati Membri u l-ESTAT tal-Kummissjoni.

l-metodoloġija tal-implimentazzjoni tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal f'kooperazzjoni mal-Eurostat.

Sabiex tikkonforma mal-obbligu ta' rappurtar tagħha u f'konformità mal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea talbet lid-delegati tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 83 sabiex jipprovdu u jikkonfermaw, sa Marzu 2025, l-affidabbiltà tad-data dwar is-sistemi tal-pensjonijiet tas-servizzi pubbliċi rispettivi tagħhom. Dan kien jikkonċerna, b'mod partikolari, l-età tal-pensjoni applikabbli matul il-perjodu ta' referenza u modalitajiet oħrajn ta' funzjonament tal-iskemi tal-pensjoni.

2.2. Aspetti metodoloġiċi

It-tqabbil tal-benefiċċji tal-pensjoni madwar l-Istati Membri huwa possibbli biss sa ċertu punt, peress li jeżistu differenzi strutturali fost l-iskemi tal-pensjoni. B'mod partikolari, l-iskemi għall-impjegati taċ-ċivil fis-servizzi ċentrali tal-Istati Membri jistgħu ma jkoprox l-istess popolazzjonijiet, jiġifieri l-iskemi fl-Istati Membri jkopru alternattivament uffiċjali tal-gvern ċentrali, l-impjegati kollha taċ-ċivil tas-settur pubbliku, jew ikopru l-popolazzjoni impjegata ġenerali flimkien mal-impjegati taċ-ċivil fil-gvernijiet ċentrali.

Barra minn hekk, ċerti skemi nazzjonali huma pjanijiet ta' trasferiment, jew tat-tip "ħallas waqt li tkun għaddej" (jiġifieri fejn il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni ta' dawk li jaħdmu jiġu ridistribwiti lil dawk irtirati) b'kuntrast għal dawk li fihom l-impjegati jikkontribwixxu għall-pensjonijiet futuri tagħhom stess. Barra minn hekk, ċerti skemi nazzjonali jipprovdu għal etajiet tal-irtirar li jvarjaw skont il-ġeneru.

Kif ikkonfermat mill-ġurisprudenza tal-qrati tal-UE⁴, l-iskema tal-pensjonijiet għall-Uffiċjali tal-UE hija fond nozzjonali (virtwali) b'benefiċċji definiti, li fiha, il-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-persunal iservu biex jiffinanzjaw il-pensjonijiet futuri ta' dawk li jikkontribwixxu. Il-kontribuzzjonijiet effettivament ikopru l-kost tad-drittijiet tal-pensjoni miksuba f'sena partikolari, u bl-ebda mod ma huma marbuta man-nefqa fuq il-pensjonijiet ta' dik is-sena⁵.

2.3. Definizzjoni ta' età tal-pensjoni normali

L-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal jirreferi għall-età tal-pensjoni, li hija magħrufa wkoll bħala l-età tal-pensjoni normali. Dan it-terminu jikkorrispondi għall-età li fiha l-persunal tal-UE jirtira awtomatikament mingħajr penali finanzjarji. Mill-1 ta' Jannar 2014, l-età tal-pensjoni normali għall-persunal tal-UE żdiedet għal 66 sena għall-persunal reklutat mill-2014 'l hawn. Id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali japplikaw għall-persunal irreklutat qabel dik id-data.

Hemm żewġ derogi għall-età tal-pensjoni normali:

- L-ewwel nett, il-membri tal-persunal jistgħu jitolbu għal irtirar bikri, jiġifieri rtirar qabel ma jilhqqu l-età tal-pensjoni normali. Mill-1 ta' Jannar 2014, l-età tal-irtirar bikri żdiedet għal 58 sena għall-persunal kollu. L-irtirar bikri dejjem jirriżulta f'penali finanzjarji sinifikanti⁶.
- It-tieni, il-membri tal-persunal jistgħu, fuq talba tagħhom stess u meta l-awtorità tal-ħatra tqis li dan ikun iġġustifikat fl-interessi tas-servizz, ikomplu jaħdmu sal-

⁴ Ara, pereżempju, il-Kawża F-105/05, *Wils vs il-Parlament*, il-paragrafu 85, u l-Kawża T-439/09, *Purvis vs il-Parlament*, il-punt 45.

⁵ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal - COM(2018) 829 final.

⁶ Skont l-Artikolu 9 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, id-drittijiet tal-pensjoni relatati jitnaqqsu bi 3,5 % fis-sena tad-differenza bejn l-età effettiva tal-irtirar u l-età tal-pensjoni.

età ta' 67 sena. B'mod eċċezzjonali, il-membri tal-persunal jistgħu jaħdmu sal-età ta' 70 sena, f'liema każ huma għandhom jirtiraw awtomatikament fl-aħħar jum tax-xahar li fih jilħqu dik l-età.



Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, id-data korrispondenti dwar l-età tal-pensjoni normali, l-età tal-pensjoni minima u l-età tal-pensjoni massima għet sottomessa mill-parti l-kbira tal-Istati Membri fil-kuntest tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 83.

3. EVOLUZZJONI TAL-ETÀ TAL-PENSJONI RISPETTIVA TAL-IMPJEGATI TAĊ-ĊIVIL FIS-SERVIZZI ĊENTRALI TAL-ISTATI MEMBRI

Iċ-ċarts ta' hawn taħt juru l-evoluzzjoni tal-età tal-pensjoni normali, l-età tal-pensjoni minima u l-età tal-pensjoni massima għall-persunal fis-servizzi ċivili ċentrali tal-Istati Membri. L-Istati Membri li ma hemmx referenza għalihom fit-tabelli jew li hemm biss referenza għalihom għal sena waħda jew ma pprovdewx data lill-Eurostat jew ma għandhomx età tal-pensjoni minima jew massima⁷.


⁷ Meta d-data ma kinitx disponibbli, u jekk possibbli, għet ivvalutata l-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

3.1. Età tal-pensjoni normali fis-servizzi ċivili ċentrali tal-Istati Membri




* Fil-każ tal-IT, l-awtoritajiet ikkonfermaw li d-data hija kkalkulata bħala medja minħabba li l-IT għandha modalitajiet differenti għall-aċċess tal-pensjonijiet. Fil-każ ta' FR, l-awtoritajiet ikkonfermaw li l-“âge d'annulation de la décote” (67 sena) hija l-età li fiha persuna tista' tirtira mingħajr ebda penali fl-ammont tal-pensjoni tagħha, anki jekk ma tkunx ikkontribwiet għan-numru meħtieġ ta' snin. F'din l-età, il-pensjoni tiġi kkalkulata awtomatikament bir-rata sħiħa, irrispettivament min-numru ta' snin invalidati.

3.2. Età tal-pensjoni minima




Kif iddikjarat fit-taqsima 2.3., l-irtirar bikri fl-istituzzjonijiet tal-UE dejjem jirriżulta f'penali finanzjarja sinifikanti peress li d-drittijiet tal-pensjoni relatati jitnaqqsu bi 3,5 % fis-sena tad-differenza bejn l-età effettiva tal-irtirar u l-età tal-pensjoni. B'mod effettiv, membru tal-persunal li jirtira fl-età ta' 58 sena se jara d-drittijiet tal-pensjoni gross tiegħu mnaqqsa bi 28 %. B'ħala paragon, għal sebgħa mis-servizzi ċivili tal-Istati Membri b'età tal-pensjoni minima ogħla minn 58 sena, ma hemm l-ebda penali għall-irtirar bikri.

3.3. Età tal-pensjoni massima



3.4. Valutazzjoni tal-evoluzzjoni tal-etajiet tal-pensjoni għall-persunal fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri



* Għall-pajjiżi li għandhom etajiet tal-pensjoni differenzjati bejn in-nisa u l-irġiel, l-oġġla valur huwa rifless fit-tabella ta' hawn fuq. Għall-pajjiżi b'età tal-pensjoni normali bid-deċimali, ġie implimentat l-ittondjar sal-eqreb numru sħiħ.

Iċ-ċarts ta' hawn fuq juru l-evoluzzjoni tal-età tal-pensjoni minima, normali u massima applikabbli għall-impjegati taċ-ċivil fil-gvernijiet ċentrali fl-Istati Membri tal-UE bejn l-2019 u l-2023.

Tista' tiġi osservata diverġenza peress li xi Stati Membri ma għandhomx etajiet tal-pensjoni minimi jew massimi filwaqt li f'oħrajn ma hemm l-ebda differenza bejn l-età tal-pensjoni massima u l-età tal-pensjoni normali għall-impjegati taċ-ċivil fis-servizzi ċentrali.

Fid-dawl ta' dan, għalkemm dan il-ġbir ta' data jipprovi indikazzjonijiet utli fir-rigward tal-etajiet tal-pensjoni rispettivi applikabbli fis-servizzi ċentrali tal-Istati Membri, kwalunkwe tqabbil għandu jiġi indirizzat b'kawtela.

Il-valutazzjoni fl-2019 uriet li erba' Stati Membri kellhom età tal-pensjoni normali ogħla mill-età tal-pensjoni normali għall-persunal tal-UE ta' 66 u li l-etajiet tal-pensjoni normali tal-Istati Membri kollha kienu jvarjaw minn 60 sa 67 sena.

Il-valutazzjoni fl-2023 turi li ħames Stati Membri kellhom età tal-pensjoni normali ogħla mill-età tal-pensjoni normali tal-persunal tal-UE u l-etajiet tal-pensjoni normali tal-Istati Membri kollha varjaw minn 60 sa 68 sena.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, saru l-osservazzjonijiet li ġejjin:

- Mill-emenda tar-Regolamenti tal-Persunal tal-2014, l-età tal-pensjoni normali applikabbli għall-persunal statutorju skont l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal tibqa' fost l-ogħla applikabbli meta mqabbla ma' daww applikabbli għas-servizzi ċivili ċentrali tal-Istati Membri.
- Fl-2023, 81 %⁸ tal-Istati Membri li wieġbu kellhom età tal-pensjoni normali daqs jew inqas mill-età tal-pensjoni normali għall-membri tal-persunal tal-UE.
- Matul il-perjodu ta' referenza, l-età tal-pensjoni normali medja fost l-Istati Membri li wieġbu żdiedet b'inqas minn sena.
- Wara ż-żieda fl-età tal-pensjoni normali tal-persunal tal-UE minn 60 għal 66 bejn l-2004 u l-2014, jista' jiġi osservat effett ta' rkupru fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri.
- Matul il-perjodu ta' referenza jistgħu jiġu osservati differenzi persistenti fost l-Istati Membri.
- L-età tal-pensjoni massima kurrenti għall-persunal tal-UE (70 sena) tikkorrispondi għall-ogħla standard applikabbli fis-servizzi ċivili ċentrali tal-Istati Membri.
- L-età tal-irtirar minima għall-persunal tal-UE hija fost daww l-aktar baxxi. Madankollu, bħala paragun, għal sebgħa mis-servizzi ċivili tal-Istati Membri b'età tal-pensjoni minima ogħla minn 58 sena, ma hemm l-ebda penali għall-irtirar bikri⁹.

⁸ L-IE ma wegħbitx għall-konsultazzjoni bil-miktub immedija f'Marzu 2025. Għall-finijiet ta' dan il-kalkolu, l-età tal-pensjoni normali tal-impjegati taċ-ċivil Irlandiżi għet ivverifikata ma' sorsi online uffiċjali tad-Dipartiment Irlandiż tan-Nefqa Pubblika NDP Twettiq u Riforma, <https://www.publicservicepensions.gov.ie/en/topic/retirement-ages-in-the-public-service/>.

⁹ Mill-2014, l-irtirar bikri fl-istituzzjonijiet tal-UE dejjem irriżulta f'penali finanzjarja sinifikanti peress li d-drittijiet tal-pensjoni relatati jitnaqqsu bi 3,5 % għal kull sena ta' differenza bejn l-età effettiva tal-irtirar u l-età tal-pensjoni.

4. EVOLUZZJONI TAL-ISTENNIJA TAL-GĦOMOR TAL-UFFIĊJALI TAL-ISTITUZZJONIJIET

Il-valutazzjoni tal-evoluzzjoni tal-istennija tal-għomor tal-persunal tal-istituzzjonijiet tal-UE hija bbażata fuq il-parametri demografiċi stabbiliti fl-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal. L-istess parametri jintużaw għall-valutazzjoni attwarjali annwali u ta' kull 5 snin tal-PSEO.

Kull sena, l-Eurostat jiġbor dawn il-parametri demografiċi abbażi tal-osservazzjonijiet tal-popolazzjoni tal-parteċipanti fl-iskema, li jinkludu l-persunal f'servizz attiv u l-pensjonanti. L-informazzjoni tiġi riċevuta mingħand l-istituzzjonijiet u l-aġenziji li l-persunal tagħhom huwa membru tal-iskema.

It-tabella tal-ħajja tal-2023 (EULT, EU Law Tracker) hija tabella tal-ħajja prospettiva¹⁰ mibnija mill-osservazzjoni fit-tul tal-mortalità, skont l-età u l-ġeneru, tal-membri kollha tal-iskema PSEO. It-tabelli tal-ħajja użati għall-valutazzjoni tal-PSEO jiġu aġġornati kull 5 snin¹¹ biex jirriflettaw l-aktar esperjenzi reċenti ta' mortalità.

4.1. Aspetti metodoloġiċi

L-Eurostat uża tabelli tal-ħajja prospettivi għall-valutazzjonijiet ta' kull 5 snin tal-PSEO kemm tal-2019 kif ukoll tal-2023, rispettivament l-EULT 2018 u l-EULT 2023. Iż-żewġ tabelli tal-ħajja ġew rieżaminati u vvalidati minn żewġ kumpaniji differenti ta' attwarji esterni indipendenti maħtura skont l-Artikolu 13(2) tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal.

It-tabelli tal-ħajja prospettivi jqisu r-rati ta' mortalità skont il-ġeneru, l-età u s-sena kkunsidrata. Dawn it-tabelli jagħmlu konnessjonijiet għall-bidliet futuri fil-mortalità billi jqisu l-bidliet osservati u pproiettati fil-mortalità għal popolazzjoni definita matul il-ħajja tagħha. Pereżempju, l-istennija tal-għomor fl-età ta' 65 sena fl-2023 tiġi aġġornata bl-użu tar-rata ta' mortalità osservata għall-età ta' 65 sena fl-2023 u r-rati ta' mortalità pproiettati għall-età ta' 66 sena fl-2024, għall-età ta' 67 sena fl-2025 u l-bqija, u b'hekk jiġu antiċipati bidliet futuri fil-mortalità.

B'kuntrast ma' dan, it-tabelli tal-ħajja ta' perġodu jużaw ir-rati ta' mortalità minn sena waħda (jew minn grupp ta' snin) u jassumu li daww ir-rati japplikaw matul il-bqija tal-ħajja ta' persuna. Dan ifisser li kwalunkwe bidla sussegwenti fir-rati ta' mortalità ma titqiesx. Għalhekk, tabella tal-ħajja ta' perġodu hija l-medja ta' snin addizzjonali li persuna tgħix kieku tkun esperjenzat ir-rati ta' mortalità speċifiċi għall-età taż-żona u l-perġodu ta' żmien partikolari għall-bqija ta' ħajjitha. Dawn it-tabelli jqisu li l-mortalità hija bħala medja akbar meta l-persuna tkun akbar fl-età iżda ma jqisux li l-mortalità tevolvi maż-żmien. F'dan il-każ, il-mortalità futura suppost tkun eżattament l-istess bħall-mortalità osservata llum.

It-Tabelli tal-Ħajja prospettivi tal-UE (EULT, EU Life Tables 2023) żviluppati mill-Eurostat jinkorporaw xejra ta' żieda kontinwa fl-istennija tal-għomor fuq perġodu ta' żmien ta' 18-il sena bbażata fuq l-evoluzzjoni tal-mortalità tal-popolazzjoni tal-PSEO. Din it-tabella hija bbażata fuq l-osservazzjoni tal-fenomeni ta' mortalità tal-membri tal-iskema PSEO; dan l-approċċ huwa possibbli minħabba d-daqs tal-popolazzjoni tal-PSEO u jevita preġudizzji esterni potenzjali li jsejtnu f'każ ta' użu ta' data esterna.

L-użu ta' tabella tal-ħajja prospettiva jikkorrispondi mal-aħjar Prattika attwarjali. Filwaqt li tali żieda kontinwa fl-istennija tal-għomor ma hijiex ċerta, dawn is-suppożizzjonijiet jintużaw biex jiddeterminaw l-istennija tal-għomor tal-membri tal-persunal. Din l-istennija tal-għomor hija

¹⁰ Tabella tal-ħajja prospettiva hija tip ta' tabella tal-ħajja li tuża r-rati ta' mortalità futuri pproiettati minflok daww kurrenti jew storiċi. Hija mfassla biex tistma l-istennija tal-għomor u l-probabbiltajiet ta' sopravivenza taħt is-suppożizzjoni li l-mortalità se tinbidel maż-żmien—normalment titjeb minħabba l-avvanzi fil-kura tas-saħħa, fl-istandards tal-ġhajxien, u fit-teknoloġija.

¹¹ L-Artikolu 9 tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal.

riflessa fl-obbligazzjoni tal-PSEO li abbażi tagħha l-PCR jiġi aġġustat kull sena sabiex jiġi żgurat li l-PSEO ikun f'bilanċ.

Fl-aħħar nett, fil-kalkolu tal-istennija tal-għomor, l-approċċ metodoloġiku tal-Eurostat (kondiviż mill-attwarji esterni li vvalidaw il-metodoloġija u r-riżultati) kien li ma jingħatax piż eċċessiv lis-snin affettwati mill-pandemija tal-COVID-19. Dan l-approċċ jirrifletti l-aħjar Prattika Attwarjali u kien hemm qbil dwaru wkoll mill-Istati Membri fil-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 83.

4.2. Tqabbil tal-istennija tal-għomor tal-persunal tal-UE għall-2019 u l-2023

Il-mortalità tal-irġiel u tan-nisa hija differenti, u għalhekk kemm it-tabelli tal-ħajja attwarjali tal-2019 kif ukoll tal-2023 huma kkalkolati separatament skont il-ġeneru u l-età.

Irġiel Nisa

Stennija tal-	Għomor Età 2019	Stennija tal-Għomor 2023	Żieda fl-istennija tal-għomor (2019 – 2023)
18	65,9	66,1	0,212
19	64,9	65,2	0,216
20	64,0	64,2	0,220
21	63,0	63,2	0,224
22	62,0	62,2	0,229
23	61,0	61,2	0,233
24	60,0	60,3	0,237
25	59,0	59,3	0,242
26	58,1	58,3	0,248
27	57,1	57,3	0,252
28	56,1	56,3	0,255
29	55,1	55,4	0,259
30	54,1	54,4	0,263
31	53,1	53,4	0,266
32	52,1	52,4	0,270
33	51,2	51,4	0,273
34	50,2	50,4	0,275
35	49,2	49,5	0,278
36	48,2	48,5	0,280
37	47,2	47,5	0,282
38	46,2	46,5	0,283
39	45,3	45,5	0,284
40	44,3	44,6	0,282
41	43,3	43,6	0,281
42	42,3	42,6	0,278
43	41,3	41,6	0,274
44	40,4	40,6	0,269
45	39,4	39,7	0,262
46	38,4	38,7	0,253
47	37,5	37,7	0,244
48	36,5	36,8	0,233
49	35,6	35,8	0,223
50	34,6	34,8	0,211
51	33,7	33,9	0,199
52	32,7	32,9	0,186

Stennija tal-	Għomor Età 2019	Stennija tal-Għomor 2023	Żieda fl-istennija tal-għomor (2019 – 2023)
18	68,4	68,9	0,486
19	67,4	67,9	0,486
20	66,4	66,9	0,486
21	65,5	65,9	0,485
22	64,5	65,0	0,484
23	63,5	64,0	0,483
24	62,5	63,0	0,482
25	61,5	62,0	0,482
26	60,5	61,0	0,482
27	59,5	60,0	0,482
28	58,5	59,0	0,482
29	57,5	58,0	0,483
30	56,5	57,0	0,484
31	55,6	56,0	0,484
32	54,6	55,1	0,485
33	53,6	54,1	0,485
34	52,6	53,1	0,486
35	51,6	52,1	0,487
36	50,6	51,1	0,486
37	49,6	50,1	0,487
38	48,6	49,1	0,486
39	47,7	48,1	0,486
40	46,7	47,2	0,485
41	45,7	46,2	0,483
42	44,7	45,2	0,481
43	43,7	44,2	0,478
44	42,8	43,2	0,474
45	41,8	42,3	0,470
46	40,8	41,3	0,465
47	39,8	40,3	0,459
48	38,9	39,3	0,453
49	37,9	38,4	0,445
50	37,0	37,4	0,437
51	36,0	36,4	0,429
52	35,0	35,5	0,421

53	31,8	31,9	0,174
54	30,8	31,0	0,161
55	29,9	30,1	0,148
56	29,0	29,1	0,135
57	28,1	28,2	0,122
58	27,1	27,3	0,109
59	26,2	26,3	0,096
60	25,3	25,4	0,084
61	24,4	24,5	0,073
62	23,6	23,6	0,062
63	22,7	22,7	0,053
64	21,8	21,8	0,045
65	20,9	21,0	0,038
66	20,1	20,1	0,039

53	34,1	34,5	0,412
54	33,1	33,5	0,402
55	32,2	32,6	0,393
56	31,3	31,6	0,383
57	30,3	30,7	0,372
58	29,4	29,8	0,361
59	28,5	28,8	0,351
60	27,6	27,9	0,340
61	26,7	27,0	0,328
62	25,8	26,1	0,316
63	24,9	25,2	0,305
64	24,0	24,3	0,293
65	23,1	23,4	0,281
66	22,3	22,5	0,270

It-tqabbil tal-istennija tal-għomor tal-2019 u l-2023 għall-membri tal-persunal fi stat attiv (18 sa 66 sena¹²) juri żieda limitata fl-istennija tal-għomor.

It-tabella tal-ħajja tal-2023 għall-irġiel turi żieda limitata ħafna fl-istennija tal-għomor li tvarja minn 0,212 sena (xahrejn, 17-il jum) f'etajiet attivi iżgħar sa 0,039 sena (14-il jum) fl-età tal-pensjoni normali.

It-tabella tal-ħajja għan-nisa tal-2023 turi żieda limitata fl-istennija tal-għomor li tvarja minn 0,486 sena (5 xhur, 27 jum) f'etajiet attivi iżgħar, sa 0,270 sena (3 xhur, 9 ijiem) fl-età tal-irtirar.

Bħala medja, l-evoluzzjoni tat-tabella tal-ħajja tal-UE turi żieda limitata ħafna fl-istennija tal-għomor tal-membri tal-persunal tal-istituzzjonijiet, jiġifieri 4 xhur f'età iżgħar u xahrejn fl-età tal-pensjoni normali.

Meta wieħed iħares lejn valutazzjonijiet preċedenti tal-istennija tal-għomor, it-tabella tal-ħajja għall-irġiel tal-2018 uriet żieda limitata ħafna fl-istennija tal-għomor li tvarja minn 0,078 sena (28 jum) f'etajiet attivi iżgħar sa 0,184 sena (xahrejn u 7 ijiem) fl-età tal-pensjoni normali. It-tabella tal-ħajja tal-2018 għan-nisa wriet żieda limitata fl-istennija tal-għomor li tvarja minn 0,559 sena (6 xhur u 24 jum) f'etajiet attivi iżgħar, sa 0,697 sena (8 xhur u 14-il jum) fl-etajiet tal-irtirar. Bħala medja, l-evoluzzjoni tat-tabella tal-ħajja tal-UE turi żieda limitata fl-istennija tal-għomor tal-membri tal-persunal tal-istituzzjonijiet, jiġifieri 4 xhur f'età iżgħar u 5 xhur fl-età tal-pensjoni normali.

Bejn l-2014 u l-2023, l-istennija tal-għomor għall-irġiel żdiedet b'0,29 sena (3 xhur, 16-il jum) f'etajiet attivi iżgħar u b'0,223 sena (xahrejn, 21 jum) fl-età tal-pensjoni normali. L-istennija tal-għomor għan-nisa żdiedet b'1,045 snin (sena, 16-il jum) f'etajiet attivi iżgħar u b'0,967 sena (11-il xahar, 18-il jum) fl-età tal-pensjoni normali.

5. ŻVILUPPI FL-ISTATI MEMBRI


Minbarra l-valutazzjoni taħt il-punti 3 u 4 ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni qieset ukoll xi żviluppi fis-sistemi tal-pensjonijiet tal-Istati Membri.

¹² Għandu jiġi nnotat li skont l-Artikolu 52 tar-Regolamenti tal-Persunal huwa possibbli li wieħed jaħdem sal-età ta' 67 sena (jekk iġġustifikat fl-interessi tas-servizz) u ta' 70 (eċċezzjonalment).

5.1. Aġġornament tal-età tal-pensjoni fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-istennija tal-għomor

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-età tal-pensjoni tiġi aġġornata, jew regolarment jew okkażjonalment, biex tirrifletti l-iżviluppi fl-istennija tal-għomor.

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri li wieġbu fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 83, ġew identifikati metodi differenti fost l-Istati Membri fir-rigward tal-prattika tal-aġġornament tal-età tal-pensjoni fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-istennija tal-għomor.



5.2. Żviluppi osservati fis-sistemi tal-pensjonijiet tal-Istati Membri

Matul l-ambitu ta' żmien tar-rapport, avvenimenti ewlenin affettwaw is-sistemi tal-pensjonijiet fl-UE. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-kriżijiet tal-enerġija wasslu għal perjodi ta' inflazzjoni għolja mingħajr preċedent u produzzjoni ekonomika baxxa, li pperikolaw il-kundizzjoni ekonomika ta' ħafna ċittadini tal-UE. Permezz ta' miżuri temporanji, l-Istati Membri ffukaw fuq titjib fl-indiċjar, livelli minimi oġhla tal-pensjoni, u protezzjoni għal persuni vulnerabbli¹³.

Skont il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali kurrenti, l-età tal-pensjoni ta' ħafna Stati Membri hija mistennija li tiżdied fid-deċennji li ġejjin. Madankollu, din se tkun inqas minn 66 sal-2030 għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u se tilħaq medja ta' 67 biss sal-2070. Dan huwa prinċipalment dovut għall-konverġenza ppjanata bejn l-etajiet tal-irtirar tal-irġiel u tan-nisa jew titjib sinifikanti fl-istennija tal-ghomor¹⁴. Dawn iż-żidiet ippjanati fl-età tal-pensjoni jirriflettu l-leġiżlazzjoni miftiehma f'dawn l-aħħar snin. Fil-preżent, minflok, l-Istati Membri qed jibdlu l-fokus tagħhom miż-żieda fl-età tal-pensjoni u l-issikkar tar-regoli dwar l-irtirar bikri lejn l-għoti ta' inċentivi biex wieħed jibqa' jaħdem aktar fit-tul u biex ix-xogħol jiġi kkombinat mal-

¹³ Il-Kummissjoni Ewropea u l-Komitat tal-Protezzjoni Soċjali, *Rapport tal-2024 dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet*, paġna 60.

¹⁴ Il-Kummissjoni Ewropea u l-Komitat tal-Politika Ekonomika, *Rapport dwar it-Tixjiħ 2024*, paġni 22 – 23.

irtirar¹⁵. Fi ftit każijiet li jenfasizzaw tali bidla fil-fokus, l-Istati Membri introduċew riformi li jnaqqsu (żidiet skedati ta') l-età tal-pensjoni¹⁶.

Fl-aħħar nett, ir-riformi li għaddejjin u daww ipplanati jikkonfermaw ix-xejriet enfasizzati hawn fuq. B'mod partikolari, xi Stati Membri qed jipplanaw li jtejbū l-livell ta' benefiċċji jew jippermettu li l-pensjoni bikrija tiġi kkombinata max-xogħol. Barra minn hekk, f'xi Stati Membri qed jiġu diskussi miżuri għat-tnaqqis tal-faqar, filwaqt li bonusijiet u regoli aktar flessibbli biex jiġi mhegġegħ ħin itwal ta' xogħol, inkluż lil hinn mill-età tal-pensjoni, jibqgħu fuq l-aġenda ta' xi Stati Membri¹⁷.

KONKLUŻJONI

- (1) Mill-2019, xi Stati Membri żiedu l-età tal-pensjoni normali applikabbli għall-impjegati taċ-ċivil tal-amministrazzjoni ċentrali tagħhom. Madankollu, fi tmiem l-2023, madwar 81 % tal-Istati Membri li wiegħu kellhom età tal-pensjoni normali daqs jew inqas mill-età tal-pensjoni statutorja ta' 66 sena għall-membri tal-persunal tal-UE.
- (2) L-evoluzzjoni tat-tabelli tal-ħajja tal-UE turi żieda medja limitata ħafna fl-istennija tal-għomor tal-membri tal-persunal tal-istituzzjonijiet matul il-perjodu ta' referenza.
- (3) Minħabba l-evoluzzjoni limitata osservata tal-etajiet tal-pensjoni fis-servizzi ċivili ċentrali nazzjonali u ż-żieda limitata ħafna fl-istennija tal-għomor tal-membri tal-persunal tal-UE, l-età tal-pensjoni kurrenti ta' 66 sena għall-persunal tal-UE hija vvalutata bħala xierqa u li tikkorrispondi mal-ogħla standards applikabbli fis-servizzi ċivili nazzjonali tal-Istati Membri.
- (4) Il-valutazzjoni ta' hawn fuq hija kkonfermata wkoll mill-analiżi tal-iżviluppi fl-Istati Membri. L-età tal-pensjoni tal-persunal tal-UE tibqa' fost l-ogħla applikabbli meta mqabbla ma' daww fis-seħħ skont is-sistemi nazzjonali tal-pensjonijiet tal-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu wkoll ir-riformi pplanati tal-pensjonijiet. Barra minn hekk, l-iżviluppi reċenti juru xejra ta' fokus fuq l-għoti ta' inċentivi għal żmien itwal ta' xogħol, inkluż lil hinn mill-età tal-pensjoni, u l-kombinazzjoni tax-xogħol mal-irtirar, aktar milli fuq iż-żieda fl-età tal-pensjoni.
- (5) Għalhekk, fl-istadju kurrenti, ma hemm l-ebda raġuni għaliex għandha tiġi sottomessa proposta għall-emendar tal-età statutorja tal-pensjoni stabbilita għal 66 sena skont l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal.

¹⁵ Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, *Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet 2024*, paġna 61.

¹⁶ Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, *Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet 2024*, paġna 67.

¹⁷ Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, *Rapport tal- 2024 dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet*, paġna 72.